



Stqarrija għall-Istampa
Il-Lussemburgu, it-8 ta' Ottubru 2018

L-awdituri tal-UE jitolbu li jingħataw mandat ċar u formali għall-awditjar tal-Fond Monetarju Ewropew

Skont Opinjoni li ġiet ippubblikata illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Qorti bħala l-awditur estern tal-Fond Monetarju Ewropew (FME) propost tkun stipulata b'mod aktar ċar. Huma jipproponu wkoll li fis-sorveljanza tal-Fond, li titwettaq mill-Parlament Ewropew, jittieħed kont tax-xogħol tal-awdituri.

Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet l-istabbiliment tal-FME biex jissostitwixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà eżistenti, li jipprovdi assistenza finanzjarja lil pajjiżi taż-żona tal-euro bi problemi finanzjarji serji. Billi huwa kapitalizzat permezz ta' ftehim bejn il-pajjiżi membri, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ma jaqax fi ħdan l-ambitu tal-baġit tal-UE.

Fl-Opinjoni, l-Awdituri jilqgħu l-proposta tal-Kummissjoni, iżda jenfasizzaw il-ħtieġa għal qafas robust ta' obbligu ta' rendikont, b'sorveljanza parlamentari tal-Fond il-ġdid ibbażata fuq l-opinjoni tal-awditjar estern tal-QEA. Sabiex l-obbligu ta' rendikont u l-iskrutinju pubbliku jiġu rinfurzati, l-Awdituri jappellaw għal proċedura ċara u formali biex fil-proċedura ta' kwittanza jitqiesu r-rapporti tal-awditjar. Attwalment, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-QEA, l-awdituri privati, u l-Bord tal-Awdituri tal-Fond stess jawditjaw ir-regolarità finanzjarja, il-konformità, il-prestazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju f'dak li jirrigwarda l-FME.

"Aħna nilqgħu l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni li l-MES jiġi integrat fi ħdan il-qafas legali tal-UE", qal Alex Brenninkmeijer, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-Opinjoni. "B'mod ġenerali jeħtieġ li jiġu evitati mandati multipli sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' opinjonijiet kunfliġġenti, duplikazzjonijiet jew trikkib."

L-Awdituri jgħidu li biex tiġi evitata duplikazzjoni li tinvolvi spejjeż għaljin, jenħtieġ li l-pożizzjoni tagħhom bħala l-awditur indipendenti estern tal-FME tkun iddikjarata b'mod ċar f'kull leġiżlazzjoni, u li jiġi kkjarifikat ukoll li r-rwol tad-ditti privati tal-awditjar u kull kontribut ieħor relatat mal-awditjar ikunu komplementari għal dawk tal-Awdituri tal-Qorti. Jekk dan ma jiġix ikkjarifikat tista' tintlaħaq il-konklużjoni li ħatriet bħal dawn huma preklużjoni tal-mandat tal-awditjar estern tal-QEA.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-Opinjoni adottata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-Opinjoni sħiħa tinsab fuq www.eca.europa.eu

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors

T: (+352) 4398 47063

T: (+352) 4398 45410

eca.europa.eu

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

L-Awdituri jidentifikaw ukoll għadd ta' sfidi ewlenin għall-qafas tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà eżistenti. Huma jgħidu li l-mandati tal-membri tal-Bord tal-Awdituri tiegħu huma qosra wisq, u li l-Bord jirrapporta b'mod limitat ħafna dwar is-sejbiet tal-awditjar tiegħu. Barra minn hekk, l-awditjar tal-prestazzjoni u l-attivitajiet ta' evalwazzjoni relatati mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jeżistu biss f'livell limitat.

Noti lill-Edituri

Il-mexxejja tal-UE pprovdew direzzjoni politika biex ir-riforma proposta tipproċedi f'żewġ stadji. Sa tmiem l-2018 se jitħejjew il-karatteristiki ewlenin ta' Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) rinfurzat, inklużi l-istadji ulterjuri li jistgħu jittieħdu għar-rinforz tar-rwol u tal-governanza tiegħu. Dan l-istadju se jindirizza l-proposta stipulata mill-Kummissjoni filwaqt li jibqa' jżomm in-natura intergovernattiva tal-MES. Fuq medda ta' żmien itwal, il-pajjiżi membri fil-MES u l-UE jistgħu jqisu l-possibbiltà li jintegraw il-MES kompletament fil-qafas legali tal-UE.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE billi tippubblika opinjonijiet dwar proposti għal leġislazzjoni ġdida jew riveduta b'impatt finanzjarju. L-opinjonijiet jintużaw mill-awtoritajiet leġislattivi — il-Parlament Ewropew u l-Kunsill — fix-xogħol li jwettqu.

L-Opinjoni Nru 2/2018 tal-QEA dwar l-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar għall-Fond Monetarju Ewropew (FME) propost hija attwalment disponibbli fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu bl-Ingliż – lingwi oħra se jkunu disponibbli fi żmien debitu.